# KUNSILL LOKALI MTARFA

---

## IL-ĦAMES LEĠIŻLATURA
## MINUTI TAL-LAQGĦA TAL-KUNSILL
## LAQGĦA NUMRU 31 – IT-TNEJN 31 TA' OTTUBRU 2011

Il Kunsill iltaqa' fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill fis-7:30pm iżda kien hemm qbil li l-ewwel jara preżentazzjoni mħejjija minn rappreżentant ta' MyDestination Malta. Il-laqgħa tal-Kunsill bdiet fit-8:05pm.

Preżenti

| | |
|---|---|
| Anthony Mifsud | Sindku |
| Simon Paul Fenech | Viċi Sindku |
| Antoine Vella | Kunsillier |
| Helen Maria Bugeja | Kunsillier |
| Anatole Scerri Diacono | Kunsillier |
| Josette Micallef | Segretarju Eżekuttiv |

### 1. QARI U APPROVAZZJONI TAL-MINUTI 30

1.1 Ma kienx hemm korrezzjoni fil-Minuti numru 30. Il-minuti ġew approvati fuq proposta tal-Sindku u ssekondandata mill-Viċi Sindku.

1.2 Il-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u mis-Segretarja Eżekuttiv (SE) fl-assenza tas-Sur Kurt Guillaumier, eks Aġent SE, li ħa ħsieb jipprepara l-istess minuti.

### 2. ĦLASIJIET U PAGAMENTI

2.1 Il-Kunsillier Scerri Diacono staqsa jekk il-ħlasijiet f'isem il-Gozo Channel u Leo's Garage kinux għall-istess attività tal-anzjani. Is-Sindku wieġeb fil-pożittiv.

2.2 Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Scerri Diacono, is-Sindku wieġeb li l-kont ta' €26.55 f'isem Leo's Garage kien għal trip wieħed bejn l-Imtarfa u l-Isplash & Fun Park għall-attività organizzata mill-Kunsill.

2.3 Għall-mistoqsija tal-Kunsillier Scerri Diacono dwar il-kont ta' J.M. Installations, kien hemm qbil li skont qbil li sar bejn iż-żewġ partijiet, id-dwal fit-toroq kellhom jinbidlu għal sistema ta' energy saving u għaldaqstant ma kienx hemm għalfejn aktar li jinbidel iċ-*choke*. Is-Sindku qal li l-kont għandu jkun ivverifikat mal-ordnijiet tal-Kunsill. Kien hemm qbil li s-SE għandha tivverifika li l-prezzijiet jaqblu mal-kwotazzjoni oriġinali.

2.4 Sadanittant kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jibda l-proċess sabiex tinħareġ offerta għal bdil ta' bozoz tat-toroq u li għandu jinkludi wkoll it-tpoġġija tal-mejn tat-tiżjin tal-Milied.

2.5 Hawnhekk skużat ruħha l-Kunsilliera Bugeja. Il-ħin kien it-8:25pm.

2.6 Kien hemm qbil li l-kont ta' J.M. Installations għandu jibqa' miżmum sakemm jiġu vverifikati l-prezzijiet.

2.7 Il-Kunsillier Vella talab aktar informazzjoni dwar il-kont ta' Charles Sant għal trasport ta' ġebel u torba. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jiġi muri l-kwotazzjonijiet mill-Aġent SE preċedenti li kien ta l-ordni għal dan ix-xogħol.

2.8 Fir-rigward tal-kont tan-Northern Cleaning Group Ltd., il-Viċi Sindku informa li kien ilu jinnota li l-ħasil tal-iskips ma kienx qed isir fuq bażi regolari. Il-Kunsill qabel li għandha tinħareġ *default notice*.

2.9 Hawnhekk il-Kunsill fakkar li l-kuntratt tal-ġbir tal-iskart kien skada u għalkemm kien sar tentattiv biex tinħareġ sejħa għall-offerti, kien hemm problema u din is-sejħa għall-offerti reġgħet ġiet irtirata. Kien hemm qbil li s-SE għandha tkellem lis-Sur Guillaumier, eks Aġent SE sabiex tinħareġ din l-offerta.

2.10 Fuq proposta tal-Kunsillier Vella u ssekondata mill-Kunsillier Scerri Diacono, kien hemm qbil unanimu li l-lista tal-ħlasijiet għandha tiġi approvata ħlief għal żewġ pagamenti, dak ta' J. M. Installations u dak ta' Charles Sant, sakemm jiġu vverifikati.

2.11 Għalkemm ma kienx imniżżel fuq l-aġenda il-Kunsill qabel li s-SE setgħet tippreżenta kopja tal-*Management Letter* u r-risposta tagħha. Il-Kunsill approva unanimament u r-risposta ġiet iffirmata mis-Sindku.

2.12 Is-SE preżentat ukoll kopja tal-Estimi Annwali (Baġitt) u kopja tal-Pjan għal Tlett Snin, fejn tat spjegazzjoni ħafifa dwarhom. Kien ikkonfermat li sal-aħħar tas-sena kien proġettat li l-Kunsill ikun fadallu bilanċ ta' ftit inqas minn €15000. Dawn ġew approvati. Is-Sindku talab lill-awditur tal-Kunsill sabiex fil-laqgħa li jmiss jattendi biex jagħti aktar dettalji.

2.13 Fuq proposta tas-Sindku kien hemm qbil li jinbidel l-andament tal-aġenda.

## 3. ĦATRA TA' SEGRETARJU EŻEKUTTIV

3.1 Is-Sindku laqa' fi ħdan il-Kunsill lis-SE il-ġdid li kienet qiegħda tieħu post l-eks Aġent SE. F'isem il-Kunsill kollu, huwa taha merħba u awguralha l-ħidma tajba fi ħdan il-Kunsill.

## 4. *PERFORMANCE BONUS* – KURT GUILLAUMIER

4.1 Fuq proposta tas-Sindku, kien hemm qbil li għandu jingħata 7% *performance bonus* lill-eks Aġent SE.

## 5. AĠĠUDIKAZJONI *TENDER* MTFLC/T/01/11 *STREET CLEANING*

5.1 Is-SE infurmat li wieħed mill-offerenti kien bagħat kommunikazzjoni sabiex jinforma li kien qed jirtira mill-offerta fejn dan kien awtomatikament jiskwalifikah milli jieħu lura l-flus tal-garanzija. Il-Kunsill qabel li s-SE għandha tikteb lill-BOV għall-garanzija.

5.2 Fuq suġġeriment tal-Kunsillier Vella kien hemm qbil li ssir għażla mit-tmien offerenti sabiex jattendu għal intervista qabel issir l-għażla finali. Wara diskussjoni kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jiltaqa' ma' Carmelo Vella, Bryden Azzopardi, Wilson Mifsud u Christ Gatt minħabba li skont l-informazzjoni li għaddew huma setgħu jaqdu l-aħjar funzjonijiet skont kif stipulat fl-offerta u l-ħtieġa tal-lokal.

## 6. Kommunikazzjoni mis-Segretarju Eżekuttiv

6.1 Is-SE infurmat li minħabba li l-aġenda kienet inħarġet mill-Aġent SE preċedenti, waqt il-kommunikazzjonijiet tagħha hija kienet se tgħaddi numru ta' punti li ġeneralment ikun jimmeritahom li jissemmew fuq l-aġenda. Il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni.

6.2 Is-SE irreferiet għall-minuti ta' laqgħa li kienet inżammet bejn rappreżentanti tal-Kunsill u membri tal-iMtarfa Football Club (minuti annessi). Il-Kunsill approva li jorganizza t-tieni edizzjoni tal-iMtarfa Christmas Market nhar it-8 ta' Diċembru flimkien mal-iMtarfa Football Club skont kif maqbul waqt l-istess laqgħa.

6.3 Is-SE infurmat li dik il-ġimgħa kien se jidher avviż fuq il-gazzetta għal tpoġġija, kommunikazzjoni u żarmar tal-mejn tat-tiżjin tal-Milied. Dan jagħlaq il-Ħamis 10 ta' Novembru 2011.

6.4 Is-SE infurmat li sabiex jittellgħu d-dekorazzjonijiet tal-Milied, il-ħaddiema tal-IPSL kellhom bżonn l-użu ta' cherry picker li kien se jiswa madwar €500. Hija infurmat ukoll li possibbilment ġurnata minnhom dan kien se jintuża wkoll biex issir manutenzjoni ħafifa fuq il-ħajt u waħda mill-iskylights tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel. Hawnhekk il-Kunsillier Vella talab li jsiru xi dekorazzjonijiet fi Triq San David 'l isfel minn Triq ir-Reġimenti Maltin. Kien hemm qbil li għandhom jitniżżlu xi żewġ dekorazzjonijiet minn tal-pjazzetta u sadanittant issir verifika kemm jiswa fustun.

6.5 Is-SE infurmat li matul dik il-ġimgħa kienu ddaħħlu żewġ applikazzjonijiet għal fondi, waħda għall-organizzazzjoni ta' sport u oħra bħala għajnuna fuq ix-xogħol tal-*playing field*.

6.6 Is-SE infurmat li l-Kunsill irċieva €2550 lura mill-iskema tat-tpoġġija ta' pannelli solari.

6.7 Għall-mistoqsija dwar l-applikazzjoni dwar ir-restawr tat-Torri tal-Arloġġ, is-SE infurmat li din ma kinitx sabitha u għaldaqstant se tagħmel kommunikazzjoni dwarha mal-Aġent SE preċedenti.

6.8 Is-SE infurmat li hija u l-istaff kienu se japplikaw għal numru ta' korsijiet offruti mid-Dipartiment tal-Kunsilli Lokali.

6.9 Is-SE infurmat li l-Kunsill kien irċieva s-somma ta' €233.94 mingħand il-Kumitat Konġunt bħala rifużjoni mis-sistema tal-*pooling*.

6.10 Is-SE infurmat li l-Kunsill kien irċieva ittra mingħand l-Awtorità tad-Djar fir-rigward tal-iskema ta' riġenerazzjoni f'oqsma tal-binjiet tal-Gvern fejn talbu aktar informazzjoni teknika dwar il-proġetti tal-Kunsill. Il-Kunsill qabel li għandu jinbeda l-proċess għal sejħa għall-offerti għal perit iżda li s-SE għandha tara l-possibbiltà li jkun hemm sejħa għal kwotazzjonijiet għal perit għal din il-biċċa xogħol biss minħabba l-urġenza tagħha.

6.11 Il-Kunsill ma qabilx li għandu jħallas għall-kont ta' kważi €5000 għal dawl u ilma fit-Torri tal-Arloġġ li jmorru lura għal-1999. Kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jinsisti mad-Dipartiment tal-Artijiet li d-Dipartiment iħallas il-kontijiet sa qabel il-25 ta' April 2010, id-data tad-devoluzzjoni lill-Kunsill, sabiex ikun jista' jdawwar l-arloġġ fuqu u jagħmel il-ħlas dovut minn dik id-data 'l quddiem.

6.12 Fir-rigward tal-preżentazzjoni li saret minn rappreżentant ta' MyDestination Malta, kien hemm qbil li l-Kunsill għandu jikkunsidra din it-talba meta l-websajt tiegħu tkun iffinalizzata.

## 7 Kommunikazzjoni mis-Sindku

7.1 Is-Sindku irċieva talba mingħand ir-residenti taż-żona ta' Triq Santa Luċija sabiex jitwaħħlu sinjali ta' *Park between the lines*. Ma kienx hemm oġġezzjoni.

7.2 Is-Sindku wassal it-talba tar-residenti ta' Binja Qlejgħa fejn xtaqu li l-Kunsill jibda jnaddaf il-passaġġ komuni tal-binja tagħhom. Il-Kunsill ma qabilx ma' din it-talba minħabba li dan huwa passaġġ privat.

7.3 Is-Sindku informa li bħala tpattija għal tqassim ta' flyers madwar l-Imtarfa tal-attività tal-Birgufest, il-Kunsill tal-Birgu kien se jqassam il-flyers madwar ir-residenti tiegħu għal Military Mtarfa. Fir-rigward ta' Military Mtarfa, is-Sindku informa li s-Sur Petroni f'isem ir-*re-enactors* (AMACS) kien talab li jiltaqa' mal-Kunsill sabiex issir post-mortem tal-attività li għaddiet u jibdew il-preparazzjonijiet ta' *Military and Adventure għas*-sena 2012.

7.4 Is-Sindku informa li l-iMtarfa *Boys Secondary School* kienu se jorganizzaw proġett tal-UE u talbu lill-Kunsill sabiex jipparteċipa. Huwa kien se jattendi għal laqgħa ta' informazzjoni.

7.5 Is-Sindku informa li hu u s-SE kienu se jduru l-minuti preċedenti sabiex jivverifikaw li xi deċiżjonijiet li baqgħu pendenti jsiru.

7.6 Is-Sindku informa li kellu rapporti li qed jaqa' xi ħadid min-naħa ta' fuq tat-torri tal-ilma. Il-Kunsill qabel li għandha tintbagħat ittra lid-Dipartiment tal-Artijiet dwar dan u jintalbu li jagħmlu r-restawr tiegħu.

7.7 Is-Sindku f'isem il-Kunsill iddeplora l-att vandalu li sar fuq *bus shelter* u mal-ħajt tal-grawnd tal-futbol xi ġranet qabel.

7.8 Is-Sindku rrefera għal talba li saret lill-Kunsill mingħand l-iMtarfa *Scouts Group* sabiex il-Kunsill jgħaddilhom l-użu tas-sala fejn isiru l-korsijiet. Il-Kunsill qabel li għalkemm ma jsib l-ebda oġġezzjoni li tintuża perjodikament, kemm minnhom kif ukoll minn entitajiet oħra, il-Kunsill ma jistax jaċċetta li jgħaddihielhom perpetwament minħabba li kommess li 'l quddiem jorganizza aktar korsijiet.

7.9 Fuq suġġeriment tas-Sindku kien hemm qbil li għal darb'oħra l-Kunsill għandu joħroġ fuljett b'messaġġ tal-Milied u bl-attivitajiet kollha li se jiġu organizzati minn entitajiet lokali għall-Milied.

7.10 Il-Kunsill qabel li jerġa' jorganizza attività għall-anzjani nhar it-23 ta' Diċembru. Kien hemm qbil li l-Kunsill m'għandux jonfoq aktar minn €200.

7.11 Is-Sindku informa li Melita Trains kienu lesti li jerġgħu jagħmlu dawra mal-iMtarfa mingħajr ħlas. Huwa kien se jagħti aktar dettalji aktar 'il quddiem.

7.12 Il-Kunsill qabel li terġa' tiġi organizzata l-ikla għall-kommunità. Din se tinżamm nhar is-17 ta' Diċembru. Kulmin jattendi kien se jħallas l-ikel u t-trasport tiegħu u għalhekk lill-Kunsill mhux se tiswieh flus.

7.13 Is-Sindku wera x-xewqa li tinġab banda (possibbilment tal-iscouts) tferraħ it-toroq tal-iMtarfa fi żmien il-Milied. Is-SE se tivverifika jekk din l-attività tistax issir.

7.14 Is-Sindku fakkar li nhar it-12 ta' Diċembru kienet se tinżamm il-festa ta' Santa Luċija bl-isem ta' Lejla ta' Dawl għalkemm il-ġurnata tal-festa proprja hija t-13 ta' Diċembru.

7.15 Is-Sindku informa li aktar kmieni kienet intbagħatet kommunikazzjoni lill-Arriva fuq talba tal-Kunsilliera Bugeja sabiex il-karozza tal-linja tal-Imtarfa terġa' tibda tgħaddi bħal qabel. Huwa informa wkoll li mis-6 ta' Novembru, il-vetturi tal-Arriva kienu se jerġgħu jibdew joperaw lejn l-Isptar u l-Università bir-rotta 203 filwaqt li l-X3 kienet se tibda s-servizz tagħha minn u lejn Buġibba mill-għada l-1 ta' Novembru.

## 8 AĠĠORNAMENTI U XOGĦLIJIET

8.1 Il-Viċi Sindku fakkar li kellha titwaħħal tabella ta' periklu minħabba l-water culvert viċin ta' Triq Prosperina.

8.2 Il-Viċi Sindku informa lis-SE li xi xhur qabel il-Kunsill kien iddeċieda li jixtri żewġ pompi għall-funtani li kien irrestawra. Huwa talab biex is-SE tivverifika x'kien sar u possibbilment jinxtraw il-pompi. Huwa informa wkoll li l-ġiebja tal-pjazza kellha bżonn manutenzjoni u kemm-il darba dan isir setgħet titwaħħal il-pompa sabiex din titħaddem.

8.3 Il-Viċi Sindku informa li r-residenti ta' Binja Msieraħ kienu qed jitolbu li l-Kunsill jgħinhom sabiex l-Awtorità tad-Djar tpoġġi xi dwal mad-dawra tal-Binja. Kien hemm qbil li għandu jsir appuntament.

8.4 Il-Viċi Sindku talab biex jiġi fformulat rapport biex jintbagħat lura lil TM dwar talba tar-residenti għal *residents parking* fi tliet żoni differenti fl-Imtarfa.

8.5 Il-Viċi Sindku informa li matul dak ix-xahar, il-ħaddiema tal-IPSL kienu poġġew sprall għall-ilma tax-xita fi Triq l-Imtarfa ma' Triq l-Istazzjon; għamlu xogħol ta' żbir tas-siġar; saret tiswija tal-membrane tal-uffiċini; xogħol fuq is-soft area fi Triq Sir Leslie Rundle; żebgħa ta' bus shelter u parti mill-ħajt tal-grawnd; u saret manutenżjoni fuq it-tiżjin tal-Milied.

8.6 Il-Viċi Sindku informa li kienet tpoġġiet *bring in site* ġdida fi Triq l-Imtarfa, faċċata tal-ħanut taż-żebgħa.

8.7 Il-Viċi Sindku informa li Green MT kien qed jaħsel l-iskips fuq bażi regolari skont kif miftiehem.

8.8 Il-Kunsillier Scerri Diacono għadda ittra lis-SE mingħand is-Sur Cedric Farrugia minn Acrosslimits dwar il-possibbiltà li ssir promozzjoni tal-lokalità tal-iMtarfa bħala parti minn proġett tagħhom.

8.9 Il-Kunsillier Scerri Diacono talab li jinstab min huwa sid il-kaxxi l-ħodor li hemm fit-toroq u jintalab biex jiżbogħhom minħabba li huma msaddin.

8.10 Il-Kunsillier Scerri Diacono ġibed l-attenzjoni li għalkemm kien sar qbil fuq il-logo tal-*Christmas Market*, xorta kien intuża wieħed qadim. Is-SE infurmat li kienet ġibdet l-attenzjoni tas-Segretarju tal-Klabb. Huwa kompla li dakinhar tal-*Christmas Market* kienet se tinżamm *sports day* għat-tfal tal-lokalità b'kollaborazzjoni man-Nursery bħala parti mill-attivitajiet organizzati mill-Kunsill bl-għajnuna tal-iskema tal-isport.

8.11 Fuq proposta tal-kunsillier Scerri Diacono, il-Kunsill qabel li jinżamm festin għat-tfal tal-Iskola Primarja, età bejn it-3 u 7 snin nhar it-28 ta' Diċembru. Kull tifel u tifla kien se jiġi mitlub iħallas €5. Kien hemm qbil ukoll li tinżamm attività oħra għat-tfal ta' bejn it-12 u t-13-il sena nhar it-30 ta' Diċembru fejn kienu se jmorru jilgħabu *bowling* bl-ikel inkluż.

## 9. GĦELUQ IL-LAQGĦA

9.1 Il-laqgħa spiċċat fil-11:20pm wara li ġie maqbul li l-laqgħa tibqa' sejra għalkemm kienu nqabżu t-tliet sigħat. Ġie deċiż mill-kunsilliera kollha li l-laqgħa li jmiss issir nhar l-Erbgħa, 30 ta' Novembru fit-8.30pm minħabba x-xogħol tal-Viċi Sindku u l-Kunsillier Vella.

| | |
|---|---|
| **Josette Micallef**<br>**Segretarju Eżekuttiv** | **Anthony Mifsud**<br>**Sindku** |